## Rikors ippreżentat fis-16 ta' Novembru 2009 — CheapFlights International vs UASI — Cheapflights (Cheapflights)

## (Kawża T-460/09)

(2010/C 24/103)

*Lingwa tal-preżentata tar-rikors: L-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* CheapFlights International Ltd (Ballybofey, l-Irlanda) (rappreżentanti: H. Hartwig u A. von Mühlendahl, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Cheapflights Ltd (Londra, l-Ingilterra)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tal-31 ta' Awwissu 2009, fil-Każ R 1356/2007-4;

— tiċħad l-appell ippreżentat mill-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell kontra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-konvenut tat-22 ta' Ġunju 2007 fil-kuntest tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni B 806 531;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti mir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell; u

— tikkundanna lill-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż tal-proċeduri, inklużi dawk sostnuti mir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell fil-każ li hija ssir intervjenenti f'din il-kawża.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva "Cheapflights", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 16, 35, 38, 39, 41, 42, 43 u 44

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-rikorrenti

*Trade mark jew sinjal invokat:* ir-reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva Irlandiża "CheapFlights", għal servizzi fil-klassijiet 35, 36, 38, 39, 41, 42, 43 u 44; l-applikazzjoni għat-trade mark Irlandiża "CHEAPFLIGHTS", għal servizzi fil-klassijiet 38, 41, 42 u 44; ir-reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva Irlandiża "CheapFlights.ie", għal servizzi fil-klassijiet 35, 39, 41, 42 u 43; ir-reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva internazzjonali "CheapFlights", għal servizzi fil-klassijiet 35, 38, 39 u 42

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni milqugħa parzjalment

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* deċiżjoni kkontestata annullata u oppożizzjoni miċħuda kollha kemm hi

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009 peress li l-Bord tal-Appell iddeċieda b'mod żbaljat li ma kienx hemm probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks ikkonċernati.

---

## Rikors ippreżentat fis-16 ta' Novembru 2009 — CheapFlights International vs UASI — Cheapflights (Cheapflights)

## (Kawża T-461/09)

(2010/C 24/104)

*Lingwa tal-preżentata tar-rikors: L-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* CheapFlights International Ltd (Ballybofey, l-Irlanda) (rappreżentanti: H. Hartwig u A. von Mühlendahl, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Cheapflights Ltd (Londra, l-Ingilterra)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tal-31 ta' Awwissu 2009, fil-Każ R 1607/2007-4;

— tiċħad l-appell ippreżentat mill-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell kontra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-konvenut tal-10 ta' Awwissu 2007 fil-kuntest tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni B 849 150;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti mir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell; u

— tikkundanna lill-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż tal-proċeduri, inklużi dawk sostnuti mir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell fil-każ li hija ssir intervjenenti f'din il-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva bajda u sewda "Cheapflights", għal servizzi fil-klassijiet 38, 39, 41, 42, 43 u 44

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-rikorrenti

*Trade mark jew sinjal invokat:* ir-reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva Irlandiża bil-kulur "CheapFlights", għal servizzi fil-klassijiet 35, 36, 38, 39, 41, 42, 43 u 44; l-applikazzjoni għat-trade mark Irlandiża "CHEAPFLIGHTS", għal servizzi fil-klassijiet 35, 39 u 43; ir-reġistrazzjoni tat-trade mark Irlandiża "CHEAPFLIGHTS", għal servizzi fil-klassijiet 38, 41, 42 u 44; ir-reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva Irlandiża "CheapFlights.ie", għal servizzi fil-klassijiet 35, 39, 41, 42 u 43; ir-reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva internazzjonali "CheapFlights", għal servizzi fil-klassijiet 35, 38, 39 u 42

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni milqugħa kollha kemm hi

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* deċiżjoni kkontestata annullata u oppożizzjoni miċħuda kollha kemm hi

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009 peress li l-Bord tal-Appell iddeċieda b'mod żbaljat li ma kienx hemm probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks ikkonċernati.

---

**Rikors ippreżentat fid-19 ta' Novembru 2009 — Jurašinović vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-465/09)**

(2010/C 24/105)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ivan Jurašinović (Angers, Franza) (rappreżentant: M. Jarry, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrent**

— tannulla d-deċiżjoni tat-22 ta' Settembru 2009 li permezz tagħha r-rikorrent ingħata biss awtorizzazzjoni għal aċċess parzjali għad-dokumenti li ġejjin: Rapporti tal-osservaturi tal-Unjoni Ewropea preżenti fil-Kroazja, fiż-żona ta' Knin, mill-1 sal-31 ta' Awwissu 1995;

— tikkundanna lill-Kunsill tal-UE — Segretarjat Ġenerali jawtorizza l-aċċess, taħt forma elettronika, għat-totalità tad-dokumenti mitluba;

— tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jħallas lir-rikorrent somma ta' EUR 2 000 mingħajr taxxa jew EUR 2 392 bit-taxxa inkluża, bħala kumpens proċedurali bir-rati ta' imgħax tal-BĊE fil-ġurnata tal-preżentata tar-rikors.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrent jitlob l-annullament tad-deċiżjoni tat-22 ta' Settembru 2009 li tirrifjutalu l-aċċess integrali għar-rapporti tal-osservaturi tal-Unjoni Ewropea preżenti fil-Kroazja, fir-reġjun ta' Knin, mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Awwissu 1995.

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi bbażati:

— fuq in-nuqqas ta' theddida għall-ħarsien tal-interess pubbliku f'dak li jikkonċerna r-relazzjonijiet internazzjonali skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 [1] sa fejn:

  — l-ebda ħarsien speċifiku ma jista' japplika għad-dokumenti inkwistjoni; u

  — anki fl-ipoteżi li jista' japplika ħarsien speċifiku għad-dokumenti mitluba, l-Artikolu 4(7) tar-Regolament Nru 1049/2001 jipprovdi li "[l]-eċċezzjonijiet stipulati fil-paragrafi 1 sa 3 għandhom japplikaw biss għażżmien li fih il-ħarsien huwa ġustifikat fuq il-bażi tal-kontenut tad-dokument". Issa, nofs il-perijodu massimu ta' ħarsien imsemmi fl-Artikolu 4(7) għadda, li jiġġustifika l-għoti tal-aċċess għad-dokumenti mitluba;

  — fl-aħħar, id-dokumenti li hija mitluba l-komunikazzjoni tagħhom mhumiex dokumenti sensittivi fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1049/2001;